IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2022
COM(2022) 445 final

2022/0265 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta attwali tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Kapitolu 5 dwar il-Faċilitazzjoni doganali u kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra[1].

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika u t-tisħiħ tal-assoċjazzjoni politika gradwali bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "il-Partijiet"). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017[2].

2.2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni huwa sede stabbilit permezz tal-Ftehim (Artikolu 464) li, skont l-Artikolu 465(3) tal-Ftehim, għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fil-Ftehim, u f'oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun iddelegalu s-setgħat. Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna tal-15 ta' Diċembru 2014[3] iddelegat is-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ biex jaġġorna jew jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness XV tal-Kapitolu 5 tal-Ftehim. Dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu vinkolanti għall-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex iwettquhom.

Kif stabbilit fl-Artikolu 465(4) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' f'konfigurazzjoni tal-Kummerċ biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha tal-kummerċ u b'rabta mal-kummerċ tat-Titolu IV tal-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 464(2) u (3), u kif speċifikat fl-Artikolu 1(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u tas-Sottokumitati[4] ("ir-Regoli ta' Proċedura"), il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ għandu jkun magħmul minn uffiċjali anzjani tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Ukrajna responsabbli minn kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Ukrajna li jkun responsabbli għall-kummerċ u l-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ għandu jaġixxi bħala President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura. Fil-laqgħat se jattendi wkoll ir-rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Skont l-Artikoli 463(1) u 465(3) tal-Ftehim u l-Artikolu 11(1) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta d-deċiżjonijiet bi ftehim reċiproku bejn il-Partijiet u wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi. Kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni

[1] ĠU L 161, 29.5.2014, p.3
[2] ĠU L 193, 25.7.2017, p.1
[3] ĠU L 158, 24.6.2015, p.4.
[4] ĠU L 157, 23.6.2015, p. 99.

għandha tiġi ffirmata mill-President tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u awtentikata mis-Segretarji tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. L-ATT PREVIST U L-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-proposta attwali għal deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-deċiżjoni li trid tittieħed fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Kapitolu 5 dwar il-Faċilitazzjoni doganali u kummerċjali.

L-att, li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ huwa msejjaħ li jadotta, jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti f'konformità mal-Artikolu 465(3) tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra.

L-aġġornament tal-Anness XV huwa meħtieġ sabiex jirrifletti l-evoluzzjoni tal-*acquis* tal-Unjoni li seħħet fil-qasam doganali minn mindu ġie inizjalat it-test innegozjat fit-30 ta' Marzu 2012 filwaqt li titqies l-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna. Il-proposta hija konsistenti mal-obbligi tal-Partijiet stabbiliti fl-Artikolu 463 u fl-Anness XV tal-Ftehim.

Din il-proposta hija konsistenti mal-implimentazzjoni ta' politiki esterni l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Politika ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp fir-rigward tal-Ukrajna, u tikkontribwixxi għalihom.

F'dan l-istadju l-Ftehim mhuwiex soġġett għall-proċeduri tar-REFIT: u b'hekk ma jimplika l-ebda kostijiet għall-SMEs tal-Unjoni u ma jqajjem l-ebda kwistjoni mill-perspettiva tal-ambjent diġitali.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Il-prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi d-deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li għandhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[5].

4.1.2. L-applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni huwa sede stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra. Skont l-Artikolu 465(4) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' f'konfigurazzjoni tal-Kummerċ biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha tal-kummerċ u b'rabta mal-kummerċ tat-Titolu IV tal-Ftehim.

L-Artikolu 463(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jaġġorna jew jemenda l-Annessi ta' dan il-Ftehim. Skont l-Artikolu 465(2) tal-Ftehim, il-

[5] Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni kwalunkwe waħda mis-setgħat, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.

Id-deċiżjoni li l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effett legali. L-att previst se jkun vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 465(3) tal-Ftehim. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni li se tittieħed fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ trid tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Il-prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabel xejn mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed il-pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk waħda minn dawn il-miri jew wieħed minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-mira jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. L-applikazzjoni għal dan il-każ

L-għan u l-kontenut ewlieni tal-att previst hu li jiġi ffaċilitat il-kummerċ bejn il-partijiet billi jiġi aġġornat l-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Kapitolu 5 dwar il-Faċilitazzjoni doganali u kummerċjali tat-Titolu IV tal-Ftehim, li jikkonċerna l-Kummerċ u l-kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ. Għaldaqstant, l-att previst jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni msemmija fl-Artikolu 207.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ se jemenda l-Ftehim, jixraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni.

2022/0265 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017[6].

(2) Skont l-Artikolu 465(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni kwalunkwe waħda mis-setgħat, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.

(3) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna tal-15 ta' Diċembru 2014[7], il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddelega s-setgħa lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, biex jaġġorna jew jemenda fost l-oħrajn l-Anness XV tal-Ftehim.

(4) Waqt il-laqgħa li jmiss tiegħu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, irid jadotta l-att previst dwar l-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) għall-Ftehim.

(5) Meta jitqies li diversi atti tal-Unjoni elenkati fl-Anness XV ġew emendati jew imħassra, sa mill-inizjalar tat-test tal-Ftehim fit-30 ta' Marzu 2012, jeħtieġ li l-Anness jiġi adattat u li jiġu aġġustati ċerti skadenzi biex jitqies il-progress li diġà sar s'issa mill-Ukrajna fil-proċess ta' approssimazzjoni mal-*acquis* tal-Unjoni.

(6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, billi d-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

[6] ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3–2137
[7] ĠU L 158, 24.6.2015, p. 4

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 465(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali) għall-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ mehmuża ma din id-deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata d-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President